

Carmel Bezzina
B.A., M.A., M.Ed. Couns. (Bristol)



*Fl-okkażjoni ta' l-erbgħin sena minn meta fl-1968 Ħal Balzan fakkar il-mitt sena ta' l-istatwa titulari*

# L-Istatwa ta' Marija Annunzjata - Storja ta' 140 Sena

Żgur li lkoll kemm aħna għadna niftakru meta tmien snin ilu, nhar is-Sibt, il-25 ta' Marzu 2000, ħriġna f'pellegrinaġġ mat-toroq tar-raħal il-vara għażiża tal-Lunzjata biex fakkarna l-ġublew ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla. Kienet purċissjoni ta' barra minn żmienha, li l-Balzanin ikkonkorrew għaliha bi ħġarhom! Dik is-sena tal-ftuħ tal-millennju l-ġdid, l-istatwa tal-Lunzjata ħarġet darbtejn tbierek u żżejjen it-toroq tagħna. Iżda dik ma kenitx l-unika darba li l-istatwa titulari ħarġet darbtejn fl-istess sena. Dawk fostna li għandhom ta' l-anqas ftit aktar minn erbgħin sena jiftakru li fl-1968 dan kien ġara wkoll. Dik is-sena Ħal Balzan fakkarna l-ewwel ċentinarju tal-vara titulari tal-Lunzjata nhar it-Tnejn, il-25 ta' Marzu, jum il-festa liturġika.

## Ix-xewqa tal-Balzanin għal statwa tal-Lunzjata

Ir-rabta ta' Ħal Balzan ma' l-Annunzjata tmur lura ħafna fis-snin. Mit-tmien knejjes li kien hawn Ħal Balzan meta Mons. Pietru Dusina żar lil dan ir-raħal nhar l-1 ta' Frar 1575, tnejn minnhom kienu ddedikati lil-Lunzjata. Waħda minn dawn il-knejjes m'għandna l-ebda ħjiel tagħha. L-oħra hija l-knisja l-qadima tal-Lunzjata fi Triq it-Tliet Knejjes li aktar tard kellha tkun l-ewwel knisja parrokkjali meta Ħal Balzan sar parroċċa nhar l-14 ta' Awissu 1655. Mons. Dusina jgħidilna li l-knisja nbniet fis-seklu 16 u li kienet mill-bidu ddedikata lil Marija Annunzjata.[1] Bil-bini tal-knisja parrokkjali l-ġdida bejn is-snin 1669 u 1695 kompliet tisseddaq ir-rabta ta' dan ir-raħal mal-Lunzjata meta missirijietna ħatru dan it-tempju lil Sidtna Marija mħabbra mill-Arkanġlu Gabriel.

Mal-mogħdija tas-snin, meta fil-gżejjer tagħna bdiet dieħla d-drawwa li l-parroċċa jkollha l-istatwa



*L-istatwa titulari ta' Marija Annunzjata, xogħol fl-injam ta' Mastru Salv Dimech. Din l-istatwa, l-għożża tal-Balzanin, issa ilha fostna 140 sena.*

titulari tagħha, il-Balzanin tħajru huma wkoll li jkollhom l-istatwa tagħhom tal-Lunzjata. Fil-fatt, nhar il-15 ta' Lulju 1864, Pasquale Muscat u Mario Borg, f'isem in-nies tar-raħal, ippreżentaw petizzjoni lill-Isqof Gaetano Pace Forno biex jitolbuh permess ħalli jkunu jistgħu jordnaw statwa ta' Marija Annunzjata skond mudell approvat minnu stess: *"Rappresentano riverentemente di trovarsi premurosi gli abitanti di detto Casale mediante contribuzioni fare una statua rappresentante l'Annunziazione della Beata Vergine Maria per la Santa Chiesa Parrocchiale di detto Casale Balzan giusto un modello da essere dall'Eccellenza Vostra approvato."*[2] Il-parruċċani kienu lesti li jikkontribwixxu għal dan il-għan u għalhekk kienu ħerqana jistennew l-approvazzjoni ta' l-Isqof.

L-għada, is-16 tax-xahar, wara li l-Isqof kien qara l-petizzjoni, talab għal aktar informazzjoni mingħand il-kappillan tal-parroċċa.[3] Tlitt ijiem wara, il-kappillan, li dak iż-żmien kien Dun Pawl Liċinju Micallef,[4] kitiblu li l-istatwa attwali ma kinitx addattata għal jum il-festa u għalhekk kien mixtieq li ssir oħra li tirrappreżenta l-Annunzjazzjoni: *"... mi so il dovere di relatarle, che non ho obbiezione, che i ricorrenti siano ammessi nella loro dimanda, per la ragione che l'attuale statua non è addattata per il giorno festivo del titolare di questa Sacra Parrocchiale Chiesa, che al certo assai desiderabile che si sostituisca una altra che rappresenta l'Annunziazione della Beata Vergine titolare di detta Chiesa."*[5] Il-kappillan ma kellu ebda oġġezzjoni li l-istatwa ssir, iżda għamel xi kundizzjonijiet, fosthom li l-istatwa tinħadem skond mudell approvat mill-isqof, li l-parroċċa ma tidħolx għall-ispejjeż tagħha, u li l-istatwa tkun proprjetà tal-knisja u tingħata lill-parroċċa ta' Ħal Balzan.[6] L-Isqof Pace Forno approva din il-petizzjoni nhar it-23 ta' Lulju 1864;[7] madankollu kellhom jgħaddu aktar minn sentejn u nofs sakemm twettaq il-ftehim meħtieġ biex ix-xogħol seta' jibda.

## L-iskultur Salvatore Dimech (1804-1886)

Ix-xogħol ta' l-istatwa l-ġdida kien afdat f'idejn Mastru Salv Dimech, li skond l-istoriku Castagna kien imlaqqam 'is-Sartx'. L-iskultur Salvatore Dimech twieled il-Mosta fis-27 ta' Frar 1804 minn Giovanni Dimech u Antonia, imwielda Agius.[8] Missier Salvatore Dimech x'aktarx kien bidwi, jew inkella kien jaqla' l-għajxien tiegħu billi jbigħ il-ħalib tal-merħla mogħoż li kien irabbi. "Iżda dan hu biss ipotesi u mhux fatt dokumentat," jikteb Eugene F. Montanaro. "Wasalna għal din il-konklużjoni għaliex fil-ġurnali kontemporanji l-iskultur Salvatore Dimech jissejjaħ ukoll *uomo semplice di campagna*, filwaqt li l-istoriku Castagna jgħid li Salvatore kien 'ragħaj il-mogħoż'."[9] Salvatore kien it-tielet wild fost erba' aħwa: kellu ħuh u oħtu akbar minnu, u ħuh iż-żgħir. L-aħwa Dimech kollha twieldu l-Mosta u lkoll ħadu l-magħmudija tagħhom minn idejn il-kappillan Dun Feliċ Calleja.[10] Nafu fiż-żgur li l-iskultur Salvatore Dimech kien għadu jgħix fil-limiti tal-parroċċa tal-Mosta meta ta' għoxrin sena, nhar is-26 ta' April 1824, fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija, ħa b'martu lil Maria Agius.[11]

F'xi żmien bejn l-1824 u l-1837 Salvatore Dimech mar jgħix Ħal Lija, billi martu Maria kienet minn dan ir-raħal. Id-dokumentazzjoni fir-reġistri parrokkjali ta' Ħal Lija, jgħidilna Montanaro, turina b'mod l-aktar ċar illi mis-sena 1837 sal-mewt tiegħu fl-1886 l-iskultur Dimech baqa' jgħix mal-familja tiegħu Ħal Lija. Minn dan iż-żwieġ kellu tmien ulied: sitt ibniet u żewġ subien; iżda sfortunatament sitta minnhom mietu f'età żgħira. Wara wieħed u għoxrin sena ta' żwieġ, martu Maria mietet fis-6 ta' Ġunju 1845, meta kien għad kellha biss madwar erbgħin sena. Salvatore Dimech reġa' żżewweġ, din id-darba lil Caterina Fenech. Iż-żwieġ sar ukoll fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija nhar is-16 ta' Settembru 1845.[12] Minn dan it-tieni żwieġ Salvatore kellu erbat itfal: żewġ subien u żewġt ibniet. Fit-tifkira tal-magħmudija ta' ibnu l-kbir, isem il-missier huwa mniżżel Maestro Salvatore Dimech.[13] L-iskultur Dimech miet Ħal Lija, fl-għomor ta' 82 sena, nhar is-26 ta' Ottubru 1886. Difnuh l-għada fil-knisja parrokkjali ta' l-istess raħal, fil-qabar li jġib in-numru 55.[14]

## Xogħlijiet ta' Salvatore Dimech

Jidher li Salvatore Dimech beda l-ħidma artistika tiegħu bħala skultur fil-ġebla Maltija, u jista' jkun li huwa kiseb l-ewwel kummissjonijiet f'dan il-qasam mingħand l-amministraturi ta' xi knejjes parrokkjali jew sidien ta' djar privati. L-ewwel biċċa xogħol importanti ta' Dimech kienet l-istatwa ta' San Franġisk t'Assisi, li tinsab il-Furjana quddiem il-kunvent tal-Kapuċċini. L-istoriku Castagna jgħidilna li Dimech ħadem din l-istatwa fl-1837.[15] Għal Montanaro, din l-istatwa ta' San Franġisk "tirrifletti forza primittiva ispirata minn fidi qawwija ta' ruħ sempliċi."[16] Huwa tal-fehma wkoll li billi din l-istatwa x'aktarx qatt ma ġiet 'irtokkata', tista' titqies bħala l-uniku xogħol li jirrifletti verament l-istil awtentiku u ġenwin li kien iħaddan Salvatore Dimech. F'dan il-kuntest huwa interessanti dak li deher fil-*Malta Government Gazette* tat-2 ta' Mejju 1838: *"... this individual, whose name is Salvatore Dimech, born in Casal Musta, and endowed by nature with every talent for a sculptor, although without any instruction, does not confine himself to ornamental work, but has advanced to the execution of the human figure, which comprehends the most difficult parts of the art."*[17]

Kollox juri li fl-1838 isem l-iskultur Salvatore Dimech kien magħruf sewwa. F'dik l-istess sena, huwa naqqax fil-ġebla Maltija l-figura ta' San Girgor il-Kbir li tqiegħdet quddiem il-knisja parrokkjali l-qadima taż-Żejtun. Dimech ħadem din l-istatwa minn fuq disinn tal-pittur Giuseppe Hyzler u taħt id-direzzjoni tiegħu. Dan ix-xogħol ta' Dimech kien imfaħħar ħafna, kif turi din il-kitba: "... *the figure of St Gregory the Great seated in a chair expounding the Holy Scripture, a recent work of Salvatore Dimech... surpasses every expectation. It is of colossal size, cut in Malta stone, after a design and under the direction of the native artist Hyzler. This statue is successfully executed in all its details, notwithstanding the great difficulties inseparable from the completion of such a task...*"[18] Il-kittieb jerġa' jirreferi għan-nuqqas ta' taħriġ formali fl-arti li kellu Dimech kif ukoll għall-fatt li huwa kellu jtemm dan ix-xogħol fiż-żmien qasir ta' ħamsin jum.

Xogħol ieħor importanti li kellu sehem fih l-iskultur Salvatore Dimech kien l-istatwa ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, skolpita fil-ġebla tal-franka u mwaqqfa fuq il-Gżejjer ta' San Pawl fl-1845. Dan il-monument nazzjonali Pawlin ħadmuh flimkien l-iskulturi Sigismondo Dimech[19] u Salvatore Dimech. Ma nafux min ħejja d-disinn ta' din l-istatwa ta' San Pawl ta' fuq il-Gżejjer. L-istoriku Castagna jgħidilna li Salvatore Dimech kien 'skular', jew alliev, ta' Sigismondo Dimech.[20] Dan jagħtina x'nifhmu li Salvatore Dimech seta' ħa l-apprentistat tiegħu fil-ħanut ta' l-iskultur Sigismondo Dimech. Il-fatt li ż-żewġ skulturi ħadmu flimkien l-istatwa ta' San Pawl ta' fuq il-Gżejjer jista' jkun indikazzjoni ta' xi rabtiet interessanti bejniethom.[21]

Salvatore Dimech ħalla diversi xogħlijiet oħrajn fil-ġebla lokali. L-istoriku Castagna jagħti lista tax-xogħlijiet ewlenin ta' Dimech, fosthom l-istatwi tal-Gran Mastri L'Isle Adam u La Valette li kienu jżejnu *Porta San Giorgio*, il-bieb ewlieni tal-belt, magħruf bħala Putirjal.[22] Jidher ukoll li Salvatore Dimech baqa' attiv fil-qasam ta' l-iskultura ornamentali, hekk li Castagna jgħidilna li fis-sena 1865 Dimech esegwixxa skultura dekorattiva fil-bini tat-Teatru Rjal.

Fis-snin imwaħħra tiegħu ta' skultur, Salvatore Dimech tħajjar jaħdem xogħol skultorju fl-injam li kien jeħtieġ ċertu impenn u ħila. Din il-ħajra tiegħu twettqet meta ntgħażel biex inaqqax fl-injam il-vara titulari tal-Lunzjata għall-parroċċa ta' Ħal Balzan u dik ta' Santa Marija għall-parroċċa fejn twieled, il-Mosta. Dawn kienu x'aktarx fost l-aħħar xogħlijiet kbar tiegħu. Kollox juri li Salvatore Dimech ma ħadem l-ebda kummissjoni importanti wara s-sena 1868. Hekk kif illesta dawn iż-żewġ statwi, meta allura kellu 64 sena, ma jissemmewx kummissjonijiet oħra importanti, u għaldaqstant jagħtina x'naħsbu li għadda l-aħħar snin ta' ħajtu jistrieħ, okkupat fuq xi xogħol ħafif.[23]

Tgħid x'kien li wassal lill-Balzanin jirrikorru għand dan l-iskultur fost skulturi u statwarji oħra li kien hawn Malta dik il-ħabta? Fost dawn, ta' min isemmi lil Xandru Farrugia, Pietro Paolo Azzopardi, Salvatore Psaila, u Karlu Darmanin, li kienu diġà għamlu isem f'pajjiżna.[24] F'dan il-kuntest, ma nistgħux ma naqblux ma' Montanaro li josserva "illi l-ewwel nofs tas-seklu 19 kien tabilħaqq il-perjodu tad-deheb tal-*woodcarvers* Maltin. Qatt qabel f'pajjiżna ma kien hawn numru daqshekk sabiħ ta' skulturi li kienu jgħixu fl-istess żmien u li kienu kapaċi jnaqqxu fl-injam figuri maestużi ta' ċertu livell artistiku."[25] B'danakollu, nistgħu ngħidu mingħajr tlaqliq illi Salvatore Dimech ma għamilx għajb lill-iskulturi ta' żmienu billi wera ħila u teknika mhux tas-soltu anke f'din il-fergħa ta' arti popolari.

## Il-Balzanin jordnaw l-istatwa tal-Lunzjata

Kienu għaddew fuq sentejn u nofs minn meta l-Isqof Gaetano Pace Forno approva li ssir l-istatwa ta' Marija Annunzjata, wara l-petizzjoni li kienu ressqulu Pasquale Muscat u Mario Borg f'isem in-nies ta' Ħal Balzan. X'setgħu kienu r-raġunijiet ta' dan id-dewmien ma nafux: forsi nuqqas ta' fondi, jew il-kundizzjonijiet li kien ressaq il-kappillan, forsi wkoll l-approvazzjoni tal-mudell, jew l-għażla ta' l-aħjar skultur biex jaħdimha? Kienu x'kienu r-raġunijiet, nhar it-3 ta' Frar 1867 l-istess Pasquale Muscat u Mario Borg ftiehmu ma' l-iskultur Salvatore Dimech biex jonqox fl-injam l-istatwa ta' l-Annunzjazzjoni għall-parroċċa ta' Ħal Balzan. Il-vara kellha tkun b'żewġ figuri: Marija Annunzjata fuq naħa u quddiemha l-Anġlu Gabriel, u vażun bil-ġilji fin-nofs: "... *i quali ġPasquale Muscat e Mario Borgħ danno e conferiscono la commissione ad esso Salvatore Dimech, di fare una statua rappresentante l'Annunziazione contenente due statue l'una l'Annunziazione e l'altra l'Angelo Gabriello con un vasetto con gilio in mezzo per la Santa Parrocchiale Chiesa di Casal Balzan e non altrimenti.*"[26]

Pasquale Muscat u Mario Borg daħlu responsabbli li jfornu lill-iskultur bl-injam meħtieġ, u hu kellu juża ġibs u kolla mħallta taħt id-direzzjoni ta' induratur magħżul minnhom. L-ispejjeż ta' din l-għażla ta' l-induratur riedu jitħallsu mill-iskultur Dimech. L-istatwa bla pedestall kellha tkun lesta għall-induratura skond il-mudell approvat sat-30 ta' Settembru ta' l-istess sena. Il-prezz kien 50 lira sterlina, ekwivalenti għal 600 skud Malti. Din is-somma kienet tinkludi l-prezz tax-xogħol, il-ġibs u



*L-istatwa tal-Lunzjata kif ħarġet minn idejn l-iskultur Salvatore Dimech fl-1868. (Ritratt antik mill-kollezzjoni privata ta' l-awtur)*

xi spejjeż oħra li setgħu jinqalgħu, iżda ma kinitx tinkludi la l-induratura u lanqas il-pedestall. Muscat u Borg kienu t-tnejn responsabbli ndaqs b'ġidhom fl-obbligazzjonijiet tal-ħlas imwiegħed. Is-somma dovuta kellha titħallas hekk kif l-istatwa bla difetti tingħatalhom lesta għall-induratura. L-ispejjeż tat-trasport kienu għall-klijenti.

Nhar il-21 ta' Marzu 1869 Dimech iddikjara li kien irċieva mingħand Muscat u Borg is-somma ta' 921 skud u 3 tarì. Dawn kienu jikkonsistu f'600 skud għaż-żewġ figuri tal-Madonna Annunzjata u l-Anġlu Gabriel b'važun bil-ġilji fin-nofs, waqt li l-kumplament tas-somma, 321 skud u 3 tarì, intefqu fuq xogħol u kolla għall-pedestall.[27] Aktarx li l-ordni għal dan kienet saret fl-intervall tat-tlestija ta' l-istatwa u l-ħlas tagħha.

## Fejn inħadmet l-istatwa tal-Lunzjata?

Mistoqsija li tiġina f'moħħna f'dan il-kuntest hija dwar il-post fejn setgħet inħadmet l-istatwa titulari tagħna. Sfortunatament, ikollna ngħidu bla tlaqliq li ma nafux. Fiż-żmien meta kienet qed tinħadem, jiġifieri bejn Frar 1867 u Marzu 1868, l-iskultur Salvatore Dimech kien ilu jgħix Ħal Lija tletin sena u fuqhom ukoll. Għaldaqstant hemm il-possibiltà li l-vara tal-Lunzjata nħadmet fir-raħal ġar tagħna ta' Ħal Lija.

Min-naħa l-oħra nafu li l-Lunzjata u Santa Marija tal-Mosta tlestew fl-istess sena, l-1868, u għalhekk nistgħu nassumu li l-iskultur Dimech ħadem fuqhom fl-istess żmien. Issa fil-Mosta hemm dar antika fil-kantuniera bejn Triq il-Kurat Bezzina u Triq Salvu Dimech, imsemmija għall-iskultur innifsu, li fiha jingħad li kien jgħix Salvatore Dimech u fejn ħadem l-istatwa ta' Santa Marija. Irħama mwaħħla mal-faċċata ta' din id-dar tfakkar dan.[28] Għalkemm dan it-tagħrif m'huwiex dokumentat, hemm tradizzjoni popolari qawwija fost il-Mostin li din hija d-dar fejn Dimech ħadem l-istatwa ta' Santa Marija.[29] Jekk dan huwa storikament minnu, l-argument li l-istatwa tal-Lunzjata wkoll setgħet inħadmet f'din id-dar huwa b'saħħtu ħafna.

Hemm ukoll il-possibiltà l-oħra li l-istatwa tal-Lunzjata setgħet inħadmet xi mkien ġo Ħal Balzan stess. Donnu jidher li ma kenitx xi ħaġa rari dak iż-żmien li l-istatwi jinħadmu fil-belt jew raħal għal fejn ikunu ġew ordnati.[30] Il-fatt li l-iskultur Salvatore Dimech kien joqgħod Ħal Lija, daqshekk viċin Ħal Balzan, jista' jsaħħaħ din il-possibiltà. Iżda jkollna nerġgħu ntennu li m'għandna xejn fiċ-ċert u xejn dokumentat.

## 1868: L-istatwa tal-Lunzjata titlesta u tasal Ħal Balzan

Salvatore Dimech lesta l-istatwa tal-Lunzjata ta' Ħal Balzan, kif ukoll dik ta' Santa Marija tal-Mosta, fis-sena 1868.[31] Il-ħolma tal-Balzanin issa seħħet. L-iskultur Dimech taħom il-vara titulari li xtaqu, li tirrappreżenta l-ġrajja tat-Tħabbira ta' Marija mill-Anġlu Gabriel. Fuq naħa tal-vara, naraw il-figura ta' Marija għarkobbtejha, b'rasha kemxejn inklinata 'l isfel u b'dirgħajha msallbin fuq sidirha, donnha qiegħda tisma' b'mod attent dak li qed jgħidilha l-ħabbâr divin. Fuq in-naħa l-oħra naraw l-Arkanġlu Gabriel, żagħżugħ il-ġmiel tiegħu, wieqaf fuq sħaba, b'idu l-leminija mgħollija b'tislima lil Marija u b'idu x-xellugija żżomm ġilju, u b'par ġwienaħ, skond it-tradizzjoni ikonografika. Jifred iż-żewġ figuri važun tond ornamentat b'bukkett fjuri fih, wieqaf fuq kapitell ta' ordni kompost.

Skond l-istudjuż ta' l-arti l-Prof. Mario Buhagiar, fl-esekuzzjoni tax-xogħlijiet tiegħu Salvatore Dimech kien influwenzat mill-fehmiet ta' l-artisti msejħa 'Nazareni'. Dawn l-artisti kienu jemmnu li l-arti għandha taqdi skop reliġjuż jew morali, u kellhom l-ideal li jerġgħu jnisslu fl-arti dak l-ispirtu profondament reliġjuż u nisrani tipiku taż-Żminijiet Medjevali.[32] L-esponent ewlieni tal-moviment tan-Nazareni f'Malta kien il-pittur Giuseppe Hyzler (1787-1858). Għalkemm jidher li Salvatore Dimech ma kellux rabtiet diretti ma' akkademji jew artisti barranin, billi lanqas kien bniedem ta' xi skola kbira, x'aktarx li beda jxaqleb lejn xejriet imnebbħa mill-Moviment tan-Nazareni għaliex kien influwenzat mill-pittur Hyzler.



*L-istatwa tal-Lunzjata, fl-istat oriġinali tagħha, armata għall-festa fil-kappellun tar-Rużarju. Ritratt ta' l-ewwel kwart tas-seklu 20. (Ħajr lil John Pullicino)*

Giuseppe Hyzler kien intlaqat mill-ħila artistika ta' Salvatore Dimech, u bejniethom ħadmu xi xogħol flimkien. Diġà ssemma li kien fuq id-disinn ta' l-istess Hyzler u taħt id-direzzjoni tiegħu li Dimech naqax l-istatwa ta' San Girgor fiż-Żejtun. Għaldaqstant ma setax jonqos li Salvatore Dimech jiġi influwenzat mill-pittur Hyzler fix-xogħol tiegħu, u huwa x'aktarx minħabba din l-influwenza li x-xogħlijiet ta' Dimech huma magħrufin aktar għas-serjetà u d-devozzjoni tagħhom milli għal-liriċiżmu, kif jikkummenta Mario Buhagiar: *"Salvu Dimech of Mosta, nicknamed 'Is-Sartx', was ... influenced by the Nazarene movement. His several painted wood processional statues, including the Annunciation at Balzan and the Assumption at Mosta, deviated from the ġMarianoħ Gerada tradition. They were more static and less lyrical but, presumably, more devout."*[33]

Hekk kif Mastru Salv Dimech lesta l-istatwa tiegħu, il-Balzanin li kellhom fi ħsiebhom dan ix-xogħol ħaduha r-Rabat (Malta) għand induratur biex jinduraha u jiżgraffjaha. Meta l-istatwa kienet lesta, il-Balzanin li tant ħadmu u stinkaw biex ġabru l-flus għaliha setgħu jilqgħuha b'għożża fil-parroċċa tagħhom. Dak iż-żmien il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet ta' madwar 700 ruħ.[34] Wara li l-istatwa twasslet sa tarf *Strada Reale*, kif kienet magħrufa t-Triq il-Kbira dak iż-żmien, f'salib it-toroq fejn Ħal Balzan u Ħal Lija jingħaqdu flimkien, kienet merfugħa fuq l-ispalel minn għaxart irġiel, akkumpanjata mill-kleru u l-poplu, fost id-daqq tal-qniepen u l-marċi mill-Banda 'L'Isle Adam' tar-Rabat, l-isparar u dimostrazzjoni kbira.[35] Dun Ġwann Dimech jgħidilna li "s'issa ma nstab ebda dokument li jagħti d-data tal-wasla li jidher li kienet ħabta ta' nofs Marzu."[36] Dak iż-żmien il-festa titulari kienet tiġi ċċelebrata nhar il-25 ta' Marzu, li allura kienet għadha festa kmandata.[37] Fis-sena 1868 il-25 ta' Marzu ħabat il-jum ta' l-Erbgħa. Kif waslet fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali, jissokta jirrakkonta Dimech, il-kappillan Dun Pawl Liċinju Micallef għamel diskors imqanqal ta' merħba fost l-entużjażmu tal-poplu Balzani. Wara d-diskors tiegħu, il-kappillan bierek l-istatwa u din iddaħħlet mill-bieb il-kbir tal-knisja biex ħadet postha x'aktarx fil-kappellun tar-Rużarju, fejn għadha titqiegħed sal-lum fil-jiem tal-festa. Issa l-Balzanin ukoll kellhom l-istatwa titulari tagħhom, bħal ħafna bliet u rħula oħra fil-gżejjer Maltin.

## L-istatwa tal-Lunzjata jsirulha xi tibdiliet

Tnejn u sittin sena wara, fl-1930, fi żmien il-kappillan Franġisku Saverju Zahra, l-istatwa tal-Lunzjata sarulha xi alterazzjonijiet. Il-vażun bil-ward bejn iż-żewġ figuri tal-vara tneħħa u minfloku saret banketta indurata bi ktieb fuqha, intmess ukoll il-velu fuq ras il-Madonna, u l-ġwienaħ ta' l-Arkanġlu Gabriel inbidlu ma' oħrajn akbar.[38] Dawn l-alterazzjonijiet saru fuq id-disinn ta' l-iskultur Abram Gatt (1863-1944) minn Bormla u kienu esegwiti mill-iskultur Manwel Buhagiar (1876-1962) mir-Raħal il-Ġdid. Għalkemm b'dawn il-modifiki l-istatwa ġiet tappella aktar għall-gosti tal-poplu, irid jingħad ukoll li tilfet xi ftit mill-mod kif ħolomha u kif ħarġet minn idejn Salvatore Dimech. Minkejja dan kollu, kif isostni Rafel Bonnici Calì, l-istatwa tal-Lunzjata żammet il-kwalitajiet artistiċi li żejjinha bihom l-iskultur Dimech. Bonnici Calì jikkummenta hekk dwar din l-istatwa: *"Dimech's Annunciation, which is the only surviving example of the master's wood carving, displays a particular composition, good modelling, and, above all, a true Christian character, which on the whole may be classed among the best examples of local sacred art."*[39]

Minbarra dawn l-alterazzjonijiet, l-istatwa ġiet ukoll indurata u żgraffjata mill-ġdid, din id-darba għand id-ditta Coleiro tal-belt Valletta. Fl-istess okkażjoni sar ukoll xi tibdil fl-iskultura tal-pedestall u saret bradella ġdida. Fit-tmien panewijiet tal-pedestall tqiegħdu riljievi maħduma fil-bronż għand Vincenzo Sammut, brunżar minn Birkirkara, li mbagħad ġew arġentati. Fit-tliet panewijiet tal-faċċata naraw il-figura ta' l-Ispirtu s-Santu taħt forma ta' ħamiema fin-nofs tal-pedestall, u l-figuri



*L-20 ta' April 1930. L-istatwa tal-Lunzjata, wara li sarulha xi tibdiliet, ġiet indurata u żgraffjata mill-ġdid. Imdawra bid-devoti u d-dilettanti Balzanin fil-bidu tat-Triq il-Kbira, Ħal Balzan, qabel ma ttieħdet proċessjonalment lejn il-knisja parrokkjali. (Ritratt mill-kollezzjoni ta' l-awtur)*

allegoriċi ta' l-evanġelisti San Mattew u San Mark fuq kull naħa. Fil-panewijiet tan-naħa ta' wara n-*Nome di Maria* mdawra bi tnax-il kewkba, flimkien ma' l-evanġelisti San Luqa u San Ġwann. Fil-ġnub tal-pedestall naraw il-profeta Isaija fuq naħa u s-sultan David fuq in-naħa l-oħra. Il-brazzi tal-fidda li kienu jintramaw mal-pedestall fil-festa tneħħew ukoll.[40]

Meta l-istatwa kienet lesta minn kollox, il-Balzanin ħejjew għall-okkażjoni biex jilqgħuha mill-ġdid fosthom. Il-Lunzjata waslet Ħal Balzan



*Il-Lunzjata fil-bieb tal-knisja f'jum il-festa. Ritratt tas-snin 50. Ir-reffiegħa fuq quddiem (mix-xellug għal-lemin): Pawlu Camilleri (ta' Paroli), Ġużeppi Bonello (taż-Żejt), Karmnu Zarb (ta' Luqa), Karmnu Zarb (tal-Lakku), u Karlu Zarb (tal-Pajs). Forċini: Valent Borg (ta' Kustjoni), in-naħa tal-Madonna, u Ċensu Brincat (tal-Bażaż), in-naħa ta' San Gabriel. Jidher ukoll Gabriel Caruana jħares 'il fuq lejn l-istatwa. (Ħajr lil Marija Chetcuti)*

nhar l-Għid il-Kbir, Ħadd qabel il-festa proprja, billi dak iż-żmien il-festa kienet issir Ħadd il-Ġdid. Fl-1930 l-Għid ġie fl-20 ta' April, u għalhekk il-festa tal-Lunzjata ġiet iċċelebrata l-Ħadd, is-27 ta' April. Il-Balzanin laqgħuha fil-bidu tat-Triq il-Kbira, ħdejn il-bini tas-Sur Fons fejn it-triq minn Birkirkara għal Ħal Balzan tofroq naħa lejn il-qalba tar-raħal u naħa lejn Sant'Anton, ftit 'il fuq mill-kunvent tal-patrijiet Karmelitani Skalzi. Wara li l-kappillan Zahra bierek l-istatwa, il-Balzanin imxew magħha f'korteo sal-knisja parrokkjali fost entużjażmu kbir. "Niftakar qisu l-bieraħ," kiteb Valent Muscat, "il-korteo bl-istatwa telaq minn tarf Ħal Balzan, mill-post fejn illum hemm il-*Valley Butcher*, u dar mat-toroq kollha ta' Ħal Balzan. Għadni qed naraha fejn l-għassa tal-Pulizija f'tarf ir-raħal u nieżla lejn il-parroċċa fost id-daqq ferrieħi tal-Banda 'Sant'Elena' ta' Birkirkara li akkumpanjatha matul il-korteo kollu."[41]

## 1968: Il-Lunzjata tagħlaq mitt sena

Is-snin komplew igerbbu u waslet is-sena ċentinarja tal-vara tal-Lunzjata. Kienu għaddew mitt sena! Id-dinja kienet daqet l-esperjenza qarsa ta' żewġ gwerer dinjija, u pajjiżna kien għadda minn bidla kbira, soċjali u politika. Ħadd mill-Balzanin li kienu raw l-istatwa tal-Lunzjata tasal għall-ewwel darba Ħal Balzan fl-1868 ma kien għadu mal-ħajjin! Iżda kien hemm uliedhom u wlied uliedhom, li l-imħabba tagħhom lejn il-Lunzjata ma kienet xejn inqas minn ta' missirijiethom. Issa kien imiss lilhom ifakkru dan iċ-ċentinarju kif kien xieraq. Ħal Balzan kien qed iħejji sabiex is-sena ta' wara jiċċelebra t-tliet mitt sena mill-bini tal-knisja parrokkjali, u għalhekk ġie deċiż li ż-żewġ ċentinarji jiġu ċċelebrati flimkien fl-1969. Iżda l-jum tal-25 ta' Marzu 1968 ma setax jitħalla għaddej mingħajr ma jitfakkar għeluq l-ewwel mitt sena ta' l-istatwa tal-Lunzjata.

Billi din kienet okkażjoni speċjali, il-kappillan, li allura kien il-Kan. Dun Karm Sciberras, kellu l-idea li l-istatwa tal-Lunzjata tinħareġ min-niċċa u titqiegħed fuq il-bankun bħalma jsir fil-jiem tal-festa. Valent Muscat, devot kbir tal-Lunzjata u għal ħafna snin kaxxier tal-każin 'San Gabriel', dlonk avviċina 'l-kappillan u wrieħ l-idea tiegħu li tkun ħaġa xierqa li nhar il-25 ta' Marzu ssir purċissjoni bl-istatwa mat-toroq ewlenin tar-raħal. "Mill-ewwel qabel ma' l-idea li tajtu," kiteb Valent, "biss weġibni li

l-ewwel irid jitlob il-permess ta' l-Arċisqof, li allura kien Mons. Mikiel Gonzi. Wara ftit jiem huwa qalli li kien kollox sew rigward il-purċissjoni."[42] Hareġ ukoll il-permess tal-pulizija, għalkemm jidher li dan ma kienx daqshekk faċli.

Sebaħ il-jum tal-25 ta' Marzu, li kien it-Tnejn. Il-qniepen tal-parroċċa kienu ilhom iħabbru s-sollennità tal-festa tal-Lunzjata sa mill-jum ta' qabel f'nofs in-nhar. Il-programm tal-ġurnata beda b'quddiesa kantata fis-sebgħa ta' fil-għodu. Saret ukoll il-quddiesa li ssir ta' kull sena fil-jum liturġiku fil-knisja l-qadima tal-Lunzjata fi Triq it-Tliet Knejjes. Fil-għaxija, fil-ħamsa u nofs, tkanta l-għasar bil-vuċijiet, u fis-sitta u kwart beda l-korteo *aux flambeaux* bl-istatwa ta' Marija Annunzjata. Il-Balzanin ikkonkorrew bi ħġarhom għal dan l-avveniment speċjali u mxew b'devozzjoni kbira quddiem l-istatwa bix-xemgħa f'idejhom. Il-purċissjoni ġibdet lejn il-pjazza, għaddiet minn Triq Idmejda, Triq Sisner, Triq San Valentin, u minn Triq il-Kbira lura għall-knisja parrokkjali. Tul il-korteo ġie rreċitat ir-Rużarju u tkanta l-Innu lil Marija Annunzjata. "Kienet verament purċissjoni straordinarja li ħalliet ferħ u paċi fil-qlub mhux biss tal-Balzanin iżda wkoll fil-qlub tal-barranin li kienu preżenti."[43] Mad-dħul tal-korteo, fis-sebgħa u nofs, saret quddiesa letta djalogata b'diskors qasir ta' l-okkażjoni u tqarbina ġenerali. Dak in-nhar tqassmu *bookmarks* ta' l-okkażjoni.




*Il-bookmark, sempliċi imma sinifikattiva, li tqassmet erbgħin sena ilu b'tifkira ta' l-ewwel ċentinarju ta' l-istatwa tal-Lunzjata. (Mill-kollezzjoni ta' l-awtur)*



*L-10 ta' Lulju 2005. Jum il-festa tal-Lunzjata fis-sena meta Ħal Balzan fakkar it-350 sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Ir-reffiegħa fuq quddiem (mix-xellug għal-lemin): Norbert Borg, Ramon Camilleri, John Pullicino, Emmanuel Gauci, u Ġorġ Grech. Fuq ix-xellug jidher ukoll Lino Ciappara li jagħmel forċina. (Ritratt: Silvio Cassar)*

Għalqet il-festa l-Banda 'San Gabriel' bid-daqq ta' marċi ferrieħa mat-toroq tal-parroċċa, sew in-naħa t'isfel tar-raħal kif ukoll in-naħa ta' fuq. "Kbir kien l-għadd tan-nies li akkompanjaw lill-banda u l-entużjażmu taż-żgħażagħ xejn ma naqas tul il-marċ kollu." Hawn ta' min isemmi li ż-żewġ każini, flimkien ma' ġuvnott ta' dsatax-il sena li kien joqgħod ħdejn il-knisja, weħlu l-artiklu 23 talli ħarqu xi nar mingħajr il-permess meħtieġ skond il-liġi.[44] Fil-ħruġ u fid-dħul tal-purċissjoni l-każin tal-Banda 'San Gabriel' spara xi bombi tal-bjut; l-istess għamel il-każin 'Marija Annunzjata' meta l-istatwa kienet għaddejja minn quddiemu. Iż-żagħżugħ imsemmi kien ħaraq batterija ta' stoppini kif il-vara kienet dieħla fil-knisja. Dawn kienu inċidenti żgħar li jintilfu fl-istorja u li seħħew fl-entużjażmu tad-dilettanti Balzanin għal-Lunzjata u l-festa tagħha.

## Illum, 140 sena wara

Għaddew erbgħin sena mit-tifkira ta' l-ewwel ċentinarju ta' l-istatwa titulari. Qisu l-bieraħ! Illum din l-istatwa għażiża tagħna għandha 140 sena. Tul dawn is-snin kollha l-istatwa ta' Marija Annunzjata baqgħet l-għożża u l-mimmi t'għajnejn il-veri Balzanin. Fil-ġmiel u d-devozzjoni ta' din l-istatwa huma raw riflessi l-ġmiel u l-qdusija ta' Marija, Ommna tas-sema. Lejha rrikorrew kemm f'waqtiet ta' ferħ kif ukoll fil-waqtiet l-aktar ibsin tal-ħajja, u fiha sabu l-faraġ li xtaqu u xxennqu għalih. Marija qatt ma ttradiethom. Hekk ukoll ma tiċħadx lilna meta, fil-jiem tal-festa tagħha speċjalment, nersqu lejha u għalenija ntennulha:

Bħala wliedek, Omm minn tagħna,
Nitolbuk tidħol għalina,
Mit-tiġrif tal-kiefer għadu
Nitolbuk tiddefendina.[45]

*Nota:* Inħossni grat speċjalment lejn Dr John Debono u Dr Eugene F. Montanaro, li l-kitbiet tagħhom "L-Istatwa Titulari ta' Ħal Balzan u l-Iskultur Tagħha" u "L-Iskultur Salvatore Dimech (1804-1886)" rispettivament huma ż-żewġ sorsi ewlenin għal dan l-artiklu. Inroddilhom ħajr minn qalbi. Nirringrazzja ħafna wkoll lis-Sur Carmel Parascandalo għax-xogħol professjonali tiegħu fit-tħejjija tar-ritratti.

*Kotba u kitbiet oħra li ġew ikkonsultati:*

Alexander Bonnici OFMConv, "Festi Titulari u Sekondarji fi Bliet u Rħula ta' Malta u Għawdex," f'Joseph Grech, *Vari ta' Malta u Għawdex* (Malta: Publishers Enterprises Group Ltd, 1998), pp.9-16.

Joseph G. DeBono, *L-Istorja tal-Vara tal-Lunzjata ta' Ħal Tarxien* (Malta: Parroċċa Tarxien, 2004).

Michael Ellul, "Art and Architecture in Malta in the Early Nineteenth Century," f'Mario Buhagiar (ed.), *Proceedings of History Week 1982* (Malta: The ġMaltaħ Historical Society, 1983), pp.1-19.

Emmanuel Fiorentino, *Il-Pittura f'Malta fis-Seklu Dsatax* (Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 2006).

*Noti u referenzi*

1 Arkivju Kurja Arċiveskovili, Viżta Apostolika Pietru Dusina, fol.69. Ikkwotat minn (Mons. Dun) Ġwann Dimech, *Ħal Balzan: Ġrajjietu sa l-1999* (Malta: Kunsill Lokali Balzan, 2004) p.19.

2 Arkivju Nutarili Valletta, Nutar Annunziato Frendo Micallef, MS. 845/26, p.276. Ikkwotat minn (Dr) John Debono, "L-Istatwa Titulari ta' Ħal Balzan u l-Iskultur Tagħha," f'*Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Balzan*, Ħarġa Nru 219, Lulju 2006, p.4, u Dok. 1B, p.8.

3 *Ibid.*, p.277.

4 Dun Pawl Liċinju Micallef , mir-Rabat (Malta), kien il-ħmistax-il kappillan ta' Ħal Balzan. Huwa ha l-pussess nhar is-16 ta' Frar 1855, u baqa' jmexxi l-parroċċa sas-sena 1874. Ara Dimech, *op.cit.*, p.198.

5 Arkivju Nutarili Valletta, Nutar A. Frendo Micallef, MS. 845/26, *op.cit.*, p.277. Ara Debono, *op.cit.*, p.8. Jingħad li l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol l-iskultur Vincenzo Dimech fl-1777, minbarra li kienet tinħareġ fil-purċissjoni tar-Rużarju nhar l-ewwel Ħadd t'Ottubru, kienet toħroġ ukoll nhar il-festa tal-Lunzjata bejn is-sena 1778 u l-1868, is-sena meta tlestiet l-istatwa titulari. Ara Dimech, *op.cit.*, p.151. Sa xi snin ilu f'Ħal Balzan kien hawn id-drawwa li r-reffiegħa tal-vara tal-Lunzjata fil-festa titulari ma jilbsux ilkoll l-istess muzzetta: il-ħames reffiegħa ta' quddiem kienu jilbsu muzzetta ħamra, filwaqt li l-ħamsa ta' wara kienu jilbsuha sewda, kif normalment tintlibes fil-purċissjoni tar-Rużarju. Din id-drawwa issa nqatgħet, u l-lum l-għaxar reffiegħa jilbsu l-muzzetta ħamra.

6 Arkivju Nutarili Valletta, Nutar A. Frendo Micallef, MS. 845/26, *op.cit.*, p.277. Ara Debono, *op.cit.*, Dok. 1C, p.8.

7 *Ibid.*, p.277.

8 Arkivju Parrokkjali Mosta, *Liber Baptizatorum V Ab Anno 1789 Ad Anno 1833, 28 Feb. 1804*, p.n.n. Ikkwotat minn Eugene F. Montanaro, "L-Iskultur Salvatore Dimech (1804-1886)," f'Dun Ġużepp Fenech (ed.), *Ħal Lija – Ħarsa lejn l-Imgħoddi* (Malta: 1994), p.51. Montanaro jgħidilna li t-tagħrif li jagħti l-istoriku Castagna dwar id-dati tat-twelid u tal-mewt ta' l-iskultur Salvatore Dimech mhux eżatt. Skond Castagna, Dimech twieled fl-1805 u miet fl-1887. Ara Pietro Paolo Castagna, *Lis Storia ta Malta bil Gzejer Tahha* (Malta: 1888), Appendix (1890), p.207.

9 Montanaro, *op.cit.*, *loc.cit.*

10 Interessanti ninnutaw li Dun Feliċ Calleja, qabel il-Mosta, kien kappillan Ħal Balzan bejn is-snin 1792 u 1797. Ara Dimech, *op.cit.*, pp.184-186.

11 Arkivju Parrokkjali Lija, *Liber Quartus Matrimoniorum 1755-1896*, p.124. Ara Montanaro, *op.cit.*, p.52.

12 Arkivju Parrokkjali Lija, *op.cit.*, p.235. Ara Montanaro, *op.cit.*, *loc.cit.*

13 Arkivju Parrokkjali Lija, *Liber Quintus Baptizatorum 1827-1850*, p.214. Ara Montanaro, *op.cit.*, *loc.cit.*

14 Arkivju Parrokkjali Lija, *Liber Quintus Defunctorum 1859-1894*, p.282. Ara Montanaro, *op.cit.*, p.53. Martu Caterina mietet fil-5 ta' Marzu 1888, sena u nofs wara żewgħa. Fl-att tal-mewt tagħha, miżmum fir-Reġistru Pubbliku, naqraw li mietet f'darha: *Strada Reale, no.117, Casal Lia.* (Ara Reġistru Pubbliku, Valletta, Att tal-Mewt Nru 688/1885). Skond Montanaro, kien f'din l-istess dar li l-iskultur Salvatore Dimech x'aktarx għadda l-aħħar snin ta' ħajtu.

15 Castagna, *op.cit.*, L-Ewwel Parti, p.173. Huwa fatt kurjuż kif l-istess Castagna, fil-lista tax-xogħlijiet attribwiti lil Mastru Salv Dimech, din l-istatwa ta' San Franġisk iħalliha barra. Ara Appendix, *op.cit.*, p.207.

16 Montanaro, *op.cit.*, p.54.

17 *Malta Government Gazette*, 2 May 1838, No. 1430, p.171.

18 *Ibid.*

19 Sigismondo Dimech (1769-1853) kien l-iskultur bravu li fl-1802 ħadem fil-ġebla l-istatwi artistiċi ta' l-Annunzjata u l-Arkanġlu Gabriel li nsibu fuq iz-zuntier tal-knisja ta' Ħal Balzan. Ara Castagna, Appendix, *op.cit.*, p.204.

20 *Ibid.*, p.207.

21 Ara Montanaro, *op.cit.*, nota 23, p.59.

22 Xogħlijiet oħra ta' Salvatore Dimech li jagħti Castagna: l-istatwa ta' San Pawl fi triq Ħal Lija, l-istatwa quddiem il-knisja tal-Grazzja f'Ħaż-Żebbuġ (1842), San Pietru u San Pawl fin-Nadur (1850), l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, li tmiss mal-knisja tal-Karmnu, bejn Triq it-Teatru u Triq iz-Zekka, fil-belt Valletta (1855), San Ġużepp fil-pjazza tal-Mosta, San Nikola u San Rokku fis-Siġġiewi (1860), il-Madonna tar-Rużarju fin-Nadur (1861), u l-istatwa tal-Madonna fiċ-ċimiterju tar-Rabat ta' Għawdex (1867). Ara Castagna, Appendix, *op.cit.*, p.207.

23 Ara Debono, *op.cit.*, p.6.

24 Xandru Farrugia (1791-1871) kien l-iskultur li fl-1829 naqqax fl-injam l-istatwa tal-Lunzjata għall-parroċċa ta' Ħal Tarxien. L-iskultur Salvu Psaila (1798-1871) ħalla, bħala l-aqwa xogħol tiegħu, l-istatwa ta' Sant'Elena ta' Birkirkara fis-sena 1837. L-istatwarju Karlu Darmanin (1825-1909) kien għadu kemm ħadem fil-kartapesta l-istatwa tas-Salvatur għall-parroċċa ta' Ħal Lija fl-1864.

25 Montanaro, *op.cit.*, p.56.

26 Arkivju Nutarili Valletta, Nutar A. Frendo Micallef, MS. 845/26, p.269. Ara Debono, *op.cit.*, Dok. 1A, p.7. Dan il-kuntratt bejn Pasquale Muscat u Mario Borg fuq naħa u l-iskultur Salvatore Dimech fuq in-naħa l-oħra sar *"nella casa posta in Casal Balzan nella Strada Tre Chiese numero quaranta."*

27 *Ibid.*, MS. 845/35, pp.1339-1340. Ara Debono, *op.cit.*, Dok. 2, p.9. Din id-dikjarazzjoni wkoll saret fl-istess uffiċċju tan-Nutar Frendo Micallef, Nru 40, Triq it-Tliet Knejjes, Ħal Balzan.

28 Inrodd ħajr lis-Sur Joseph Gambin (Ħal Balzan) li ġibidli

l-attenzjoni għal din id-dar u li ħadni naraha nhar il-Ħadd, il-21 ta' Ottubru 2007.

29 Is-Sur Joe Borg, storiku intiż ħafna fuq il-ġrajja tal-Mosta u r-Rotunda tagħha, għalkemm jistqarr li sa fejn jaf hu m'hemm l-ebda dokument fl-arkivju tal-knisja arċipretali tal-Mosta li juri dan, kitibli hekk: "Għandi 70 sena u sa minn tfuliti dejjem smajt li f'din it-triq Salvu Dimech ħadem l-istatwa oriġinali li kellna. Hekk kienu jgħidu d-dilettanti tal-knisja Mostin. Fuq din it-tradizzjoni popolari mexa saħansitra l-Kunsill Lokali meta xi snin ilu ħareġ bl-idea li jwaħħal plakka kommemorattiva mal-faċċata tad-dar li fiha ngħad li Salvu Dimech ħadem l-ewwel statwa titulari ta' Santa Marija tagħna" (minn ittra lill-awtur datata l-21 ta' Jannar 2008). Nirringrazzjah tat-tagħrif u l-interess tiegħu.

30 Hekk, ngħidu aħna, l-iskultur Vincenzo Dimech (1768-1831) ħadem l-istatwa ta' San Publju fl-1811 fil-Furjana stess, f'dar fi Triq il-Miratur kantuniera ma' Triq San Publju; Mariano Gerada (1766-1823) wkoll ħadem l-istatwa titulari ta' Santa Katerina fl-1818 fiż-Żurrieq stess, ġo ħanut quddiem il-knisja; u l-istatwa ta' Sant'Elena nħadmet minn Salvu Psaila fl-1837 f'dar fi Triq Ħal Għargħur, ġo Birkirkara. Ara Guido Lanfranco, *L-Istatwi Titulari u l-Istatwarji Tagħhom* (Malta: Klabb Kotba Maltin, 1999), pp. 4, 12, 55.

31 Castagna, Appendix, *op.cit.*, p.207. Montanaro jaraha "ħaġa tassew stramba li Salvatore Dimech lesta dawn iż-żewġ vari titulari fl-istess sena (1868)." Wieħed jissuspetta li Dimech beda jaħdem fuq dawn iż-żewġ vari titulari qabel is-sena 1868. Fil-każ tal-Lunzjata, ix-xogħol beda ta' l-inqas sena qabel, meta fi Frar 1867 Pasquale Muscat u Mario Borg iffirmaw il-kuntratt ma' l-iskultur. Hawn ta' min jgħid li bejn l-1860 u l-1866 Salvatore Dimech kien impenjat sew fix-xogħol ta' skultura fil-bini tat-Teatru Rjal. Montanaro juri l-fehma li dan ix-xogħol fit-Teatru Rjal seta' kien il-kaġun prinċipali ta' xi dewmien fl-esekuzzjoni tal-vari titulari ta' l-Assunta u tal-Lunzjata. Ara Montanaro, *op.cit.*, nota 36, p.60.

32 In-Nazareni kienu grupp ta' pitturi żgħażagħ idealisti li tfaċċaw fil-Ġermanja fil-bidu tas-seklu 19. Aktar 'il quddiem huma stabilixxew ruħhom f'Ruma, u kien hawn li influwenzaw lill-artisti Maltin li kienu qed jistudjaw f'dik il-belt. Ara Dominic Cutajar u Emmanuel Fiorentino, "Trends and Influences in Maltese Art 1800-1964," f'Victor Mallia-Milanes (ed.), *The British Colonial Experience 1800-1964* (Malta: Mireva Publications, 1988), pp.249-261. Ara wkoll Ian Chilvers (ed.), *The Oxford Dictionary of Art* (Oxford University Press, 2004), p.495.

33 Mario Buhagiar, "The Cult of St Catherine in Malta," fil-ktieb ta' Seraphim M. Zarb u Mario Buhagiar, *St Catherine of Alexandria: Her Churches, Paintings and Statues in the Maltese Islands* (Malta: 1979), p.220. Buhagiar isostni li kien minħabba dan in-nuqqas ta' appell popolari li xi xogħlijiet ta' Salvatore Dimech wara ġew mimsusa jew modifikati. Dan ġara kemm fil-każ tal-Lunzjata, kif se naraw 'il quddiem, u aktar u aktar fil-każ ta' Santa Marija tal-Mosta, li fl-1948 sarulha tibdiliet kbar taħt id-direzzjoni ta' l-iskultur Vincent Apap. Dwar l-istatwa ta' l-Assunta kif ħarġet minn idejn Salvatore Dimech, Montanaro jikteb: "Jidher li kienet xbiha devota li tevoka ġmiel u perfezzjoni morali. ... fiha jispikka l-aktar il-mod oriġinali li bih l-iskultur esegwixxa l-qagħda tal-mant wiesa' u miftaħ tal-Madonna." Ara Montanaro, *op.cit.*, p.56. Ara wkoll Carmel Bezzina, "Parish Titular Statues: The Annunciation – Balzan," *Heritage* 66 (Malta: Midsea Publications), p.1286.

34 Fl-1861 il-popolazzjoni ta' Ħal Balzan kienet ta' 662 ruħ, skond iċ-ċensiment tal-31 ta' Ottubru ta' dik is-sena. Ara *Census of the Islands of Malta, Gozo and Comino* (Malta, 1863), pp.2, 28.

35 Ara Devot, "Għeluq il-Mitt Sena ta' l-Istatwa ta' Marija Annunzjata," *Il-Berqa*, il-25 ta' Marzu 1968, p.4. Il-qatt minsi Valent Muscat (1913-1988) jirrakkonta aneddotu ħelu marbut mal-wasla tal-Lunzjata fl-1868. Jgħid li kien sama' mingħand ix-xjuħ ta' qablu li "dak in-nhar, qalb il-folla ta' Balzanin ..., kien hemm wieħed imlaqqam l-Orlandiż li qalilhom: 'Huti Balzanin, għamilna din l-istatwa hekk sabiħa u se nehduha lejn ir-raħal mingħajr banda?' U dak il-ħin qala' l-milsa minn rasu u beda jiġbor, u f'qasir żmien kellu biżżejjed biex mar qala' l-Banda 'L'Isle Adam', li akkompanjat il-vara mir-Rabat sa Ħal Balzan ...." Ara Valentino Muscat, "L-Ewwel Ċentinarju tal-Vara ta' Marija Annunzjata 1868-1968," *Ħal Balzan*, Nru 40, Marzu/April 1978, p.1.

36 Dimech, *op.cit.*, pp.148-149.

37 Il-festa tal-Lunzjata baqgħet tiġi ċċelebrata fil-jum liturġiku tagħha tal-25 ta' Marzu x'aktarx sas-sena 1919, barra meta dan il-jum kien jaħbat fil-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-1920 il-festa tal-Lunzjata, kemm f'Ħal Balzan kif ukoll f'Ħal Tarxien, saret il-Ħadd, il-11 ta' April, Ħadd fuq l-Għid il-Kbir, magħruf minna l-Maltin bħala Ħadd il-Ġdid (*Dominica in Albis*). Ara *Guida Generale di Malta e Gozo* (1920). Il-kittieb preżenti qed iħejji studju dwar id-dati meta ġiet iċċelebrata l-festa tal-Lunzjata f'Ħal Balzan mis-sena 1868 sal-lum.

38 Il-bukkett bil-ward li tneħħa mill-istatwa oriġinali ta' Salvatore Dimech illum jintrama fuq l-artal tal-kor fil-jiem tal-festa titulari, filwaqt li l-kapitell ta' taħt il-važun bil-ward jintuża biex fuqu jitqiegħed l-ostensorju tar-relikwa fuq l-artal maġġur. Il-ġwienaħ ta' l-anġlu Gabriel tqiegħdu finta mad-dahar tan-niċċa ta' San Mikiel billi din in-niċċa pjuttost ċkejkna ma tippermettix li l-istatwa ta' San Mikiel tidħol fiha bil-ġwienaħ oriġinali tagħha.

39 Rafel Bonnici Calì, "The Processional Statue of the Annunciation," *Hal Balzan*, Nru 36, Lulju/Awissu 1977, Supplement p.II.

40 Dawn il-brazzi llum jintramaw bejn il-pilastri maġġuri fuq il-presbiterju fil-jiem tal-festa.

41 Muscat, *op.cit.*, p.4. Ara wkoll Dimech, *op.cit.*, p.149. Dak iż-żmien l-għassa tal-pulizija kienet fil-kantuniera ħdejn il-garaxx tal-Percius, faċċata tal-ħanut tal-Qâdi, it-*Three Villages Bar*. L-għassa, li kienet taqdi l-ħtiġijiet ta' Ħal Lija u Ħal Balzan, baqgħet f'dak l-istess post sas-snin 70. Il-ħanut tal-laħam *Valley Butcher* li jissemma għadu hemm, iżda l-lum iġib l-isem *ARG Meat Market*.

42 Muscat, *op.cit.*, p.4.

43 *Ibid.*

44 Iż-żagħżugħ li jissemma huwa Charles Briffa li aktar tard stabbilixxa ruħu b'mod professjonali fil-qasam tal-logħob tan-nar. Il-familja Briffa kienu joqogħdu fid-dar Nru 2, Triq l-Annunzjata, kantuniera ma' Triq Dun Spir Sammut.

45 Dan huwa r-ritornell tal-*Kurunella lil Marija Annunzjata*, kurunella antika li ilha tingħad fil-parroċċa ta' Ħal Balzan sa mis-seklu 19. Inkitbet x'aktarx qrib is-sena meta saret l-istatwa titulari. Fil-fatt kien b'digriet tat-3 ta' Lulju 1871 li l-Isqof Mons. Fra Gaetano Pace Forno ta 40 jum indulġenza lil min jgħid bil-qalb din il-kurunella. Din l-istess kurunella għadha sal-lum tingħad fit-tlett ijiem tat-tridu.